28 ta' Frar, 1944.

Imħallfin :

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Angelo Gatt et. *versus* Felicia Maunder**

**Kwerela — Spejjeż tal-Kawża — Taxxa — Sentenza — Imgħax — Kompetenza — Art. 379 u 380 tal-Liġijiet Kriminali.**

***F'kawża kriminali magħmula ad istanza privata, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jirriżultaw minn taxxa regolari bħal fil-każ ta' kawża ċivili ordinarja; u s-sentenza li tikkanonizza dawk l-ispejjeż hija eżegwibili minn dik l-istess Qorti u taħt l-awtorità tagħha.***

***Għalhekk il-parti li tirriżulta kreditriċi ta' dawk l-ispejjeż bis-saħħa tas-sentenza ta' dik il-Qorti Kriminali, li saret ġudikat eżegwibili, ma għandhiex għalfejn titlob mill-ġdid il-kanonizzazzjoni ta' dawk l-ispejjeż quddiem il-Qorti Ċivili. Jekk imbagħad dik il-parti trid tottjeni kanonizzazzjoni ta' l-imgħax fuq dawk l-ispejjeż, għandha tillimita t-talba tagħha għall-kanonizzazzjoni ta' dawk l-imgħaxijiet biss.***

***F'dawn il-każi l-kap ta' l-ispejjeż għandu jiġi deċiż mill-istess Qorti li tagħti l-meritu; u f'dan is-sens il-Qorti Ċivili hija inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talba għall-kanonizzazzjoni ta' dawk l-ispejjeż.***

L-atturi fit-taħrika qalu li l-konvenuta, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta mogħtija fis-27 ta' Lulju 1943 (dok. A), ġiet kundannata, fost ħwejjeġ oħra, tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, **kompriż** id-dritt tal-perit kalligrafu — spejjeż li jammontaw għal £19. 8. 1, kif jidher mit-taxxa eżibita (dok. B); u li l-konvenuta, debitament interpellata, ma ħallsetx; u talbu li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, l-istess konvenuta tiġi kundannata tħallashom is-somma ta' £19. 8. 1, spejjeż minnhom magħmulin fil-kawża fuq imsemmija, anki jekk hemm bżonn b'titolu ta' danni. Bl-imgħax legali minn notifika ta' l-att tat-taħrika u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

B'nota l-atturi rrinunzjaw għas-sorti u rriżervaw il-kap ta' l-ispejjeż;

*Omissis;*

Fuq il-kap ta' l-ispejjeż il-Qorti tosserva li peress li l-eċċezzjoni ta' l-imħarrka tirrifletti wkoll fuq il-kap ta' l-ispejjeż, dina għandha tiġi eżaminata u deċiża ugwalment, għalkemm is-sorti ġiet rinunzjata minħabba l-ħlas matul is-smigħ tal-kawża;

Mit-taħrika stess u mid-dokument meħmuż magħha (fol. 5), jirriżulta li l-imħarrka ġiet kundannata tħallas l-ispejjeż reklamati mill-atturi b'sentenza tas-27 ta' Lulju 1943, tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta f'kawża magħmula ad istanza privata ta' l-atturi stess. Din is-sentenza għaddiet "res judicata" u kkanonizzat il-kreditu ta' l-atturi għall-ispejjeż, li, bħall-ispejjeż tal-kawżi ċivili ordinarji, għandhom jirriżultaw, kif effettivament jirriżultaw, minn taxxa regolari (dok. fol. 7);

Dik is-sentenza hija eżegwibili għall-ispejjeż ukoll bħas-sentenzi ta' dil-Qorti (art. 380 tal-Liġijiet Kriminali), u hija eżegwibili taħt l-awtorità ta' dik l-istess Qorti li tatha. U la darba hemm ġudikat eżegwibili, l-atturi ma kellhomx għalfejn jitolbu l-kanonizzazzjoni mill-ġdid quddiem dina l-Qorti. Il-fatt li dak il-ġudikat ma kkanonizzax l-imgħax fuq l-ispejjeż ma jġibx għall-konsegwenza li għandha ssir sentenza oħra fuq l-ispejjeż biex dawna jiġu kanonizzati mill-ġdid. Jekk stess l-atturi riedu jikkanonizzaw l-imgħax għall-finijiet ta' l-inskrizzjoni ipotekarja, huma messhom illimitaw it-talba għall-kundanna tal-ħlas ta' l-imgħax biss. Barra minn dan, la l-imħarrka u lanqas l-atturi ma rrinunzjaw għall-effetti tal-ġudikat;

Mill-banda l-oħra, peress li l-ispejjeż jirrigwardaw kawża fuq delitt ta' inġurja, fejn l-azzjoni ġiet eżerċitata fuq kwerela ta' l-atturi, il-kap ta' l-ispejjeż kellu bil-fors jiġi maqtugħ mill-Qorti stess li semgħet il-meritu, u għalhekk bil-fors l-ispejjeż kellhom jiġu kanonizzati minn dik il-Qorti. U tabilħaqq, l-artikolu 379 tal-Liġijiet Kriminali jgħid :— "When an action is exercised by the party injured or hurt, including the cases contemplated in the first and second paragraphs of article 373, the Court shall also decide the question of costs..." Għaldaqstant, li kieku stess jista' jiġi propost il-ġudizzju għall-kanonizzazzjoni ta' dawk l-ispejjeż, dana ma kienx jista' jiġi propost ħlief quddiem il-Qorti li qatgħet il-meritu; għax il-

[illegible] bir-raġun [illegible] l-ġudizzju u d-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż lil dik il-Qorti. U f'dan is-sens l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza mogħtija mill-imħarrka tista' tiġi milqugħa mill-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tastjeni ruħha milli tipprovdi s-sorti, tilqa' fis-sens li ntqal l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, u tikkundanna lill-atturi jbatu l-ispejjeż ta' din il-kawża.